**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 13 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Melvin Debono**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 304591M)

**Il-Qorti,**

Rat li Melvin Debono ta' 33 sena, iben Joseph u Grace Debono xebba Bezzina imwieled Pietà, nhar 12 ta' Ġunju 1991, detentur tal-karta ta' identità bin-numru 304591M u residenti fil-fond Palm's Court, Flat 2, Triq Melita, Paola, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-13 ta' Ottubru 2024 għall-ħabta ta' bejn 04:00hrs u 04:30hrs ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan:

1) *Nqast milli tħares il–kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat **Dr. Grazio Mercieca LL.D**. fid-digriet datat nhar il- 05 ta' Settembru 2017 u/jew kif sussegwwentatment gie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2) *Nqast milli tħares il-kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat (llum Mhallef) **Dr. Neville Camilleri LL.D**. fid-digriet datat nhar is-16 ta' Frar 2021 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

3) *Nqast milli tħares il-kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat (llum Mhallef)* **Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D**. *fid-digriet datat nhar id- 19 ta' Jannar 2022 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

4) *Nqast milli tħares il-kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat* **Dr. Astrid May Grima LL.D**. *fid-digriet datat nhar it- 02 ta' Lulju 2021 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

5) *Nqast milli tħares il-kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat* **Dr. Astrid May Grima LL.D.** *fid-digriet datat nhar it- 17 ta' Awwissu 2023 u/jew kif sussegwentament gie emendat li bih inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta*

6) *Nqast milli tħares il-kundizjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Maġistrat* **Dr. Lara Lanfranco LL.D.** *fid-digriet datat nhar it- 26 ta' Settembru 2024 li bih inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Melvin Debono u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u/jew tordna li is-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat flimkien ma dokument ta' identifikazzjoni, talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li l-Prosekuzzjoni irtirat ir-raba akkuża.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Melvin Debono, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 304591M, ħati tal-ewwel sat-tielet u tal-ħames sas-sebgħa akkuża miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' multa fl-ammont ta' elfejn Ewro.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta:

a. tas-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D. fid-digriet tal-5 ta' Settembru 2017 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;
b. tas-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta

mill-Onor. Maġistrat (llum Imħallef) Dr. Neville Camilleri LL.D. fid-digriet tas-16 ta' Frar 2021, kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

c. tas-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat (llum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. fid-digriet tad-19 ta' Jannar 2022 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

d. tas-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. fid-digriet tas-17 ta' Awwissu 2023 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawżi msemmija fil-punti 'a' sa 'd' hawn fuq.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti f'dan il-każ.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------